OiRA Evalwazzjoni tar-Riskju Online (Oira)

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

# EVALWAZZJONI TAR-RISKJU BL'OiRA F'4 STADJI

## X'inhi l-evalwazzjoni tar-riskju?

- hija l-bażi għall-immaniġġjari tajjeb tas-saħħa u s-sigurtà ;
- hija l-element ewlieni biex jitnaqqsu l-inċidenti u l-mard relatati mal-post tax-xogħol ;
- tista' ttejjeb is--saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prestazzjoni tan-negozju



## Għaliex hija mportanti?

Il-kumpaniji għandhom iwettqu evalwazzjoni tar-riskju pass wara pass biex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħhom.

## Min huwa responsabbli?

Min iħaddem huwa meħtieġ bil-liġi biex iwettaq evalwazzjoni tar-riskju.



## Kif tista' ssir?

OiRA (Evalwazzjoni tar-Riskju Interattiva Online) hija s-soluzzjoni bbażata fuq il-web imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar (MSEs) biex tgħinhom jevalwaw u jimmaniġġjaw ir-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'firxa wiesgħa ta' setturi.



## 1 PREPARAZZJONI

Organizza u kkordina l-evalwazzjoni

Innomina l-persuna(i) responsabbli għat-twettiq tagħha

Żgura l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-proċess

## 2 IDENTIFIKAZZJONI U EVALWAZZJONI

Identifika l-perikli u l-problemi

Evalwa r-riskji eżistenti (severità u probabbiltà ta' feriment)

Daħħal ir-riskji fl-ordni ta' importanza

## 3 FASSAL PJAN TA' AZZJONI

Identifika l-miżuri xierqa biex telimina jew tikkontrolla r-riskji potenzjali

## 4 RAPPORT

Iġġenera rapport dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskji.

Niżżlu bħala evidenza tal-proċess kollu, inkluż il-pjan ta' azzjoni




## PROSIT

Dawn il-passi ġew żviluppati biex jgħinu lill-MSEs jimmaniġġjaw ir-riskji tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Ibda implimenta l-pjan ta' azzjoni u rrevedi l-evalwazzjoni tar-riskju regolarment!



## ERBA' RAĠUNIJIET EWLENIN GĦALL-UŻU TA' OiRA



Bla ħlas u faċli biex tużah

Konformità mal-liġi

Intiż li jwassal għal soluzzjoni u l-ogħti ta' gwida

Approċċ speċifiku għas-settur



Segwi l-komunità #OiRAtools

Aktar informazzjoni fuq https://oiraproject.eu/mt


© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2019.
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.


Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jikkonċernaw lil kulħadd. Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija.